# ĦADMU GĦALL-ORATORJU

**Ġanninu Buttiġieġ**

Ħafna minn dawk li llum jiffrekwentaw l-Oratorju, lil Ġanninu għandhom mnejn ma jafuhx. Iżda l-mewt tiegħu nhar it-Tnejn 19 ta' Diċembru li għadda naqqsitilna ieħor mill-veterani u mill-aqwa benefatturi li qatt kellna fl-Oratorju.

Ġanninu kien twieled fit-28 ta' Ottubru 1912 minn Vinċenz Buttiġieġ u Michelina mwielda Borg. Bħal tfal Karkariżi oħra ta' dik il-ħabta, beda jattendi l-Oratorju għat-tagħlim tad-Duttrina - f'dak l-Oratorju li allura kien għadu ġdid u mhux bogħod wisq mid-dar fejn kienu joqgħodu fi Triq San Ġiljan. Dak iż-żmien ukoll, l-ambjent ta' Birkirkara b'mod ġenerali u dak ta' madwar l-Oratorju b'mod partikulari, kien ferm differenti minn dak li naraw illum.

Birkirkara ta' żmien l-ewwel gwerra dinjija u tas-snin għoxrin kienet, biex ngħidu hekk, għadha kemm bdiet toħroġ 'l barra mill-fosdqa tas-seklu dsatax, jekk mhux ukoll minn dik stess tas-seklu ta' qablu. Ir-raba kien għadu jmiss mad-djar li llum magħluqin fi-ċentru, u għal ħafna min-nies tar-raħal, inkluża il-familja ta' Ġanninu, il-ħajja kellha bosta aspetti u konnessjonijiet mal-ħajja rurali. L-Oratorju nnifsu, kien għadu għal kollox qalb ir-raba u 'l barra mill-abitat ta' Birkirkara. Bosta familji Karkariżi kien għadhom jaħdmu raba fi nħawi mbegħdin sew, bħal fuq il-Gżira, ta' l-Ibraġ jew is-Swieqi, fejn il-familjari ta' Ġanninu wkoll kienu jmorru jaħdmu - u allura dak iż-żmien, 'l hemm u 'l hawn aktarx b'ta' San Franġisk.

Fi tfulitu beda jieħu l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Birkirkara, li dak iż-żmien kienet fejn illum hemm l-Istitut S.Vincenz de Paule, fi Triq l-Imsida, u li bosta għadhom jirreferu għaliha bħala "l-iskola l-qadima". Wara l-edukazzjoni sekondarja, għall-aħħar tas-snin għoxrin u l-bidu tat-tletin, ħa taħriġ fl-Iskola Ċentrali biex isir għalliem fl-iskejjel statali. Fil-fatt għall-ewwel kien beda jgħallem fl-iskola primarja tan-Naxxar, fejn dik il-ħabta kien hemm bħala surmast Karkariż ieħor, is-Sur Anthony Valletta. Għall-ħabta tal-1960 Ġanninu temm is-servizz tiegħu minħabba raġunijiet ta' saħħa.



Il-konnessjoni ta' Ġanninu ma' l-Oratorju ma waqfitx malli għamel il-Griżma, kif kien komuni għal bosta, iżda kompliet billi hu wkoll, meta tfarfar, beda jagħti l-kontribut tiegħu. Għalhekk għal dik il-ħabta li Mons. De Piro ħa l-Oratorju f'isem is-Soċjeta' tiegħu, insibuh bħala wieħed mill-katekisti. Kien minn dak iż-żmien ukoll li beda jieħu ħsieb il-kappella. Madankollu, kien imidd idejh ukoll kull fejn kien ikun hemm bżonn. Hekk, meta fl-1928 kienu saru xi aranġamenti strutturali fis-sala l-antika tat-teatrin, insibuh ma' dawk li kienu jaħdmu volontarjament wara l-ħin tax-xogħol tagħhom sa fit-tard, biex isir dak ix-xogħol.

Għall-Oratorju kien iwarrab ukoll l-istudji tiegħu, imqar għal ċertu ħin. Hekk niftakru jirrakkonta kif Dun Mikiel Callus li kien l-ewwel Direttur "de facto" f'isem is-Soċjeta' fl-Oratorju, waqt li hu kien imur biex jagħmel xi ħaġa fl-Oratorju, kien jirrimarkalu li moħħu kellu jkun aktar fuq l-istudji tiegħu milli hemm. Irridu nifhmu li dik il-ħabta Ġanninu kien qed jagħmel l-istudji tiegħu biex isir għalliem.

Il-mod, għalkemm wieħed illum forsi jqisu sempliċi, li bih kien japplika l-metodu ta' Don Bosco fl-Oratorju, jiġifieri dik li lit-tfal jimlewlhom il-ħin liberu tagħhom bil-logħob u xi divertiment, jidher f'dawn iż-żewġ eżempji żgħar: Għalkemm kien żgħir fl-istatura, f'żgħożitu, min jiftakru jgħid li kien b'saħħtu sew, hekk li kien jaqbad b'idejh ma' l-arblu wieqaf tal-"passa volanti" li kien hemm wara l-kappella, u jitla' stirat miegħu orizzontalment qisu bandiera!

Oħra li niftakar fi tfuliti hi li fi żmien il-karnival - meta allura li tinġabar fl-Oratorju kien mezz ta' "tbegħid mill-okkażjoni" u kien ikollna logħob u divertiment organizzat apposta - lit-tfal, b'daqsxejn ta' tapp tas-sufra maħruq fuq xi loqma xemgħa fis-sagristija, kien ipinġilhom fuq wiċċhom xi mustaċċi,barbetti jew daqna...

Meta fil-bidu tas-snin ħamsin, fiż-żmien li kien Direttur Dun Anton Camilleri (R.I.P.), fl-Oratorju bdew jintwerew il-films talkies, Ġanninu kien wieħed mill-ewwel makkinisti. Dak iż-żmien il-film kien jintwera nhar ta' Sibt u Ħadd fil-għaxijiet. Ġanninu kien jipprepara l-pellikola, u fejn kien ikun hemm bżonn, isewwi, jew skond il-kriterji ta'. dik il-ħabta, "jiċċensura". Kien beda wkoll iniżżel il-films u features oħra li kienu jintwerew. U għalkemm dan ma kienx fuq xi reġistru, dawk il-karti, illum arkivjati, huma "record" tista' tgħid komplet tal-films kollha li ntwerew fl-Oratorju fi 33 sena.

Konness ma' dan l-aspett tal-kontribut ta' Ġanninu fl-Oratorju, ħabibna Nenu Buħaġiar iħobb jirrakkonta dan l-aneddotu: Fil-kamra fejn kien hemm il-makna tat-talkies, kien hemm *pyrene fire extinguisher* li Ġanninu deherlu li fejn tqiegħed ma kienx tajjeb. U għax kien ikun irid it-tajjeb, qalgħu u waħħlu ftit 'l bogħod fejn ħaseb li seta' jkun aħjar. Id-direttur, li kien Dun Anton, tfantas meta ra l-*pyrene* imċaqlaq minn fejn kien bla ma kien jaf hu, u qal: "Jekk dak irid jibqa' hawn, ma jmiss xejn bla ma jgħidli." U Ġanninu bis-sabar kollu, u għax le, b'ubbidjenza, waħħal il-*pyrene* fejn kien qabel. Għalkemm għandi nifhem, bħal Galileo, kien konvint mir-raġun li kellu u l-intenzjoni tajba ta' l-azzjoni tiegħu.

Imma dawk kollha li jiftakruh, jaqblu miegħi li l-akbar kontribut ta' Ġanninu fl-Oratorju kienet il-ħidma tiegħu fil-kappella - għal aktar minn 55 sena, u kultant mhux mingħajr ċerti avversitajiet. Fil-kelmtejn li għamel fil-funeral tiegħu il-Kan. Anton Mallia Borg u f'intervista rrekordjata li kien ħallielna l-ex-Direttur ta' l-Oratorju

Dun Wistin Grech (R.I.P) it-tnejn jemfasizzaw l-assidwita' u d-dipendibilita' tiegħu għall-kura tal-kappella. L-eżattezza u l-metikolożita' tiegħu li jarma kollox sew u eżatt u li jerfa' kollox lura f'postu bil-galbu. Dejjem kien jara x'se jivvinta biex id-dehra tal-kappella u l-mod li bih isiru s-servizzi liturġiċi, jkunu aħjar u aktar dekorużi.

Ma rridux ninsew li matul is-snin li dam jieħu ħsieb il-kappella Ġanninu, din "kibret" minn sempliċi kappella għas-subien ta' l-Oratorju, għal knisja li tagħti tista' tgħid is-servizzi spiritwali kollha liz-zona ta' madwarha. Għaddiet il-kriżi tat-Tieni Gwerra dinjija, bil-limitazzjonijiet kollha li kienet ġabet magħha. U għaddiet ukoll mit-tibdil li kien meħtieġ isir wara r-rinnovament liturġiku tal-Konċilju Vatikan it-Tieni.

Għalhekk, kif niftakru jien għallanqas, kont issibu dejjem fis-sagristija ta' l-Oratorju - meta ma kienx ikun hemm bżonn ħidmietu band'oħra wkoll, u ma' Dun Victor Camilleri, meta dan kien fl-Oratorju wkoll: issa qed jaħdmu l-bankun jew il-pedistall tal-vara tal-Madonna, issa n-niċċa, darb'oħra l-artal tal-ġewż li kien hemm qabel dak preżenti, imbagħad jgħaqqdu u jqiegħdu l-antiporta l-ġdida... u dejjem sejrin.

Li kien jolqotni l-aktar fih, u li għallimni forsi aħjar minn ħaddieħor, kien il-mod kif taħseb qabel taħdem: imqar kif, meta jkollok għax titla' għal oġġett minn fuq, ittella' miegħek xi ħaġa oħra li tkun għal hemm - min jaf kemm skariġġ tiffranka b'dal-mod. Jew inkella l-mod kif tistiva fil-wiċċ oġġetti li taħseb li tkun se tuża qabel oħrajn. Jew kif minn ħaġa li spiċċa l-użu tagħha, jsir oġġett utli. Hekk mill-"imwejjed tat-tqarbin" sar l-ambone u mill-mensa ta' l-artal li tneħħa, sar it-tużell ta' fuq il-kurċifiss. U tant ħwejjeġ oħra.

Barra minn dan nista' ngħidilkom li jekk ikollna niflu l-inventarju tal-kappella, li ħallielna dettaljat sena b'sena, fejn m'hemmx miktub minn kien id-donatur ta' xi ħaġa li tkun saret jew jekk din kinitx saret bil-ġbir - kull oġġett ieħor aktarx li kien jaf il-but ta' Ġanninu.

Kemm kien jaħseb biex fil-kappella ta' l-Oratorju l-affarijiet ikunu dejjem aħjar, jidher minn dan l-aneddotu li kien iħobb jirrakkonta:

Kien matul il-perijodu li kien jgħallem fl-iskola tan-Naxxar u kien ukoll żmien il-gwerra. Allura kien jinżel lura Birkirkara mis-Simblija biex iqarreb, għax bil-mixi. Iżda darba, ftit qabel il-Ġimgħa l-Kbira, meta kien wasal Ħal-Lija, ħa t-triq kollha sa Sant'Anton biex jara jakkwistax xi tronġa biex jużaha għall-borma tal-ħwawar tas-"sepulkru". Ra l-ġardinar u staqsieh kellux xi waħda. Dan staqsieh minn fejn kien u meta Ġanninu qallu li kien minn Birkirkara, wieġbu: "Iva, ħallejt tnejn, waħda għalikom u l-oħra għall-katidral". Tah it-tronġa u Ġanninu jirrakkonta li tgħidx kemm kien ħaffef 'l barra minn Sant' Anton dak inhar, għax it-tronġa kienet għall-kolleġġjata u wisq il-ġardinar ħaseb li se jinqala' xi ħadd li jitolbu tronġa għall-Oratorju, ta' Birkirkara wkoll.

Nagħlaq din it-tifkira ta' Ġanninu billi f'isem dawk kollha li jiftakruh, u dawk kollha li għadhom igawdu ħidmietu fl-Oratorju tagħna sal-lum, niżżih ħajr tal-kontribut tiegħu, li żgur li l-Mulej biss, fil-ħaqq tiegħu, jaf kif għandu jħallas. Fil-waqt li nistedinkom tiftakru fih fit-talb tagħkom.